

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

24.6.2010

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0067/2010, imressqa minn Zhelyazko Dimitrov, ta' nazzjonalità Bulgara, dwar in-nuqqas ta' implementazzjoni fil-Greċċa tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE li tadotta ċerti Direttivi fil-qasam tal-libertà tal-moviment tan-nies, imħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jgħid li l-awtoritajiet Griegi għadhom ma implementawx id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE li tadotta ċerti Direttivi fil-qasam tal-libertà tal-moviment tal-persuni, imħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija. Huwa jenfasizza li, minħabba f'hekk, minn Jannar 2007 għadu ma rnexxilux jikseb permess biex jaħdem bħala avukat f'Thessaloniki. Il-petizzjonant għalhekk jappella lill-Parlament Ewropew sabiex jassigura li d-dispożizzjonijiet tad-direttiva msemmija hawn fuq jiġu trasposti malajr fil-liġi nazzjonali Griega.

## 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-27 ta' April 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Il-petizzjonant, li huwa ċittadin Bulgaru, għandu l-“kwalifika professjonal ta’ avukat” iċċertifikata permezz ta’ diploma fil-liġi mogħtija minn università Bulgara u jgħid li hu jissodisfa “ir-rekwiżiti kollha skont il-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija għall-prattika tal-professjoni ta’ avukat.”

Il-petizzjonant ilu jippjana li jaħdem bħala avukat fil-belt ta’ Thessaloniki, il-Greċċa mill-1 ta’ Jannar 2007. Il-petizzjonant jindika li skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħi attwalment f'dak l-Istat Membru, huwa mħuwiex intitolat li jipprattika hemmhekk bħala avukat, u li l-

awtoritajiet kompetenti rrifjutaw li jirrikonox Xu l-kwalifikasi professjonali tiegħu. Il-petizzjonant jallega li din is-sitwazzjoni hija r-riżultat tan-nuqqas min-naħħa tal-Greċja li timplimenta d-Direttiva 2006/100/KE<sup>1</sup>.

Is-servizzi tal-Kummissjoni ġew innotifikati li bid-Digriet Presidenzjali 86 tal-2008<sup>2</sup> il-Greċja ttrasponiet id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE billi adattat il-leġiżlazzjoni nazzjonali li qabel kienet itrasponiet id-Direttivi 98/5/KE<sup>3</sup> u 77/249/KEE.<sup>4</sup>

Il-Kummissjoni tinnota li d-Direttivi 98/5/KE u 77/249/KEE jistabbilixxu l-modalitajiet għall-prattika tal-professjoni legali fi Stat Membru ieħor – l-istabbiliment jew il-forniment ta' servizzi. Avukat li jixtieq jipprattika fuq bażi permanenti fi Stat Membru minbarra dak li fih kiseb il-kwalifikasi professjonali tiegħu (bħal fil-każ tal-petizzjonant), huwa mitlub jirreġistra mal-awtoritajiet kompetenti f'dak l-Istat (l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/5/KE). L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti għandha tirregista lill-avukat mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat li jixhed ir-reġistrazzjoni tiegħu mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li hu pajjiżu (l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 98/5/KE). L-“awtorità kompetenti” normalment tfisser korp professjonali (soċjetà legali jew assoċjazzjoni professjonali ta’ avukati) li huwa kompetenti li jippermetti lil dawk li jissodisfaw ċerti rekwiżiti u/jew għaddew minn eżami li jipprattikaw il-professjoni.

Il-Kummissjoni analizzat il-petizzjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovdu. Mill-petizzjoni ma jidherx ċar mill-ewwel, jekk l-awtorità kompetenti Griega rrifjutatx li tirrikonoxxi ċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni ma’ assoċjazzjoni ta’ avukati fil-Bulgarija tal-petizzjonant, jew, jekk fil-fatt l-allegat rifjut ta’ rikonoxximent tqajjem minn għadd ta’ ċirkostanzi oħra. In-netherk SOLVIT huwa partikolarment adegwat sabiex tīgi ffaċilitata s-sejba ta’ soluzzjoni għal din il-kwistjoni.<sup>5</sup>

L-allegazzjoni tal-petizzjonant li l-Greċja għadha ma implementatx id-Direttiva 2006/100/KE, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-prattika tal-professjoni ta’ avukat, m'għandhiex bażi. Madankollu, fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata fil-petizzjoni inkwistjoni, wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li l-awtorità kompetenti Griega naqset milli teżamina kif xieraq il-mertu tal-applikazzjoni tal-

<sup>1</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta’ Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-libertà tal-movimen, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 141). L-Artikolu 2(1) jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi biex ikunu konformi ma’ din id-Direttiva sa mhux aktar tard mid-data tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tal-Bulgarija u r-Rumanija.

<sup>2</sup> Ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Ellenika, Hargħa 125 tal-1 ta’ Lulju 2008.

<sup>3</sup> Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 1998 sabiex tkun issaċċilitata l-prattika tal-professjoni ta’ avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 36).

<sup>4</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE tat-22 ta’ Marzu 1977 biex jiġi issaċċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati (ĠU L 78, 26.3.1977, p. 17).

<sup>5</sup> Paġna prinċipali tas-sit tal-Internet SOLVIT: <http://ec.europa.eu/solvit/>

petizzjonant għar-rikonoxximent tal-kwalifikasi Bulgari tiegħu, kif ukoll li l-awtorità naqset milli tapplika l-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti b'mod korrett. Jekk il-petizzjonant iħoss li jkun hemm tali nuqqasijiet min-naħħa tal-awtorità kompetenti, huwa jiġi jista' jikkunsidra li jikkuntattja lil SOLVIT.